MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Numru 688/2007

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

Vs

George Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 5261(M), akkuzat talli:

Fis-16 t’Awissu 2007 ghall-habta ta’ 2:00p.m. waqt li kien fi Triq Id-deheb Fin Qormi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ martu Filomena Grech f’perikolu car, volontarjament ikkagunalha feriti ta’ natura gravi, liema feriti jistghu jgibu mankament jew sfregju jew debbuliza permanenti jew diffett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem skond kif iccertifika Dr. David Fenech M.D. (reg. 2555) ta’ centru ta’ sahha ta’ Hal-Qormi.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq l-istess martu Filomena Grech, skond kif iccertifika Dr. David Fenech M.D. (reg. 2555) ta’ centru ta’ sahha ta’ Hal-Qormi.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Martha Magri skond kif iccertifika Dr. David Fenech M.D. (reg. 2555) ta’ centru ta’ sahha ta’ Hal-Qormi.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Lucy Galdes skond kif iccertifika Dr. Joseph Galea M.D. (reg. 2682) ta’ centru ta’ sahha ta’ Hal-Qormi.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li l-ammont huwa t’aktar minn Lm50 izda inqas min Lm500 (fuq mobile phone) ghad-dettriment ta’ Charmaine Magri.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija Filomena Grech, Martha Magri, Lucy Galdes, Charmaine Magri, Carmelo Galdes u Giorgia Psaila sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded bil-kliem lil Filomena Grech, Martha Magri, Lucy Galdes, Charmaine Magri, Carmelo Galdes u Giorgia Psaila.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bi hsara ta’ sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta tal-familja Magri.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f’dagha fil-publiku.
Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Filomena Grech, Martha Magri, Lucy

Galdes, Charmaine Magri, Carmelo Galdes u Giorgia Psaila u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U fl-ahhar, il-qorti hija gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezjoni u/jew ordni ta’ trattament fil-konfront ta’ George Grech u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412 (c) u 412 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li definittivament ma kellhiex aktar provi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi l-akkuzi kontra l-imputat jirrizultaw fis-shih. Il-fatti koncernenti u li taw lok ghall-akkuzi jirrisultaw li sehhew meta l-imputat, li ma xehedtx f’dawn il-proceduri, tilifha u minghajr ma gie b’ebda mod provokat, beda jaghti lill-martu. Lilha ikkagunalha kemm feriti ta’ natura gravi u kemm ta’ natura hafifa.

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu wkoll jammetti illi ghamel hsara fuq telefon cellulari proprjetà ta’ Charmaine Magri.

Illi mill-bqija ma tirrisultax pruvata l-akkuza li kkommetta ferita ta’ natura hafifa lil Martha Magri u lanqas dik li hebb ghaliha jew li hebb ghal Lucy Galdes, Charmaine Magri, Carmelo Galdes u Giorgia Psaila. Ukoll ma jirrisultax t-tmien, id-disa’ u l-ghaxar akkuzi, billi ma sarux ebda provi fuq daqshekk.

Mill-istqarrija tal-imputat jirrisulta li hu ghandu problema minhabba x-xorb.

Inghad dan din il-Qorti qeghda ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi taqta' u tiddeciedi:

1. li ssib l-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u l-hames akkuzi u tal-hames akkuza limitament li hebb ghall-martu u liema akkuza kontravenzjonali hija assorbita fl-ewwel.
2. li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra li minnhom tilliberah.
3. li wara li rat l-artikoli 214, 218, 221, 325 (1) (b), 339 (1) (d), 382A, 383, 384, 532A, 532B u 17 tal-Kap. 9 tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u bil-kundizzjoni li jidhol f'programm residenzjali minhabba l-vizzju tax-xorb u ghal dan il-fini qeghda wkoll tinnomina ufficjal tal-probation biex tassikura li dan isehh oltre li tapplika l-Artikolu 28H u tikkandanna lill-imputat li jikkompensa lil Charline Magri fis-somma ta' Lm450. Tapplika ukoll kontra l-imputat l-Artikolu 353 tal-Kap. 9 billi torbtu ghal sena taht penali ta' Lm100 li ma jergax isawwat lil martu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------